III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU VI TAT-TRATTAT TAL-UE

## DEĊIŻJONI QAFAS TAL-KUNSILL 2009/829/ĠAI

**tat-23 ta' Ottubru 2009**

**dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(1)(a) u (c) u l-Artikolu 34(2)(b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea stabbiliet għaliha stess l-objettiv li żżomm u tiżviluppa żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.

(2) Skont il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Tampere fil-15 u s-16 ta' Ottubru 1999, u b'mod partikolari l-punt 36 tagħhom, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu japplika għal ordnijiet ta' qabel il-proċess. Fl-10 miżura tiegħu, il-programm ta' miżuri biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku f'materji kriminali jindirizza r-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' superviżjoni.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni Qafas għandu jkollhom il-mira li jsaħħu l-protezzjoni tal-pubbliku ġenerali, billi jippermettu li persuna residenti fi Stat Membru wieħed iżda soġġetta għal proċedimenti kriminali fi Stat Membru ieħor, tkun issorveljata mill-awtoritajiet fl-Istat li fih hija tkun residenti waqt li tistenna proċess. Bħala konsegwenza, id-Deċiżjoni Qafas preżenti għandha bħala objettiv tagħha s-sorveljanza tal-movimenti tal-mixli fid-dawl tal-objettiv prevalenti ta' protezzjoni tal-pubbliku ġenerali u r-riskju għall-pubbliku mir-reġim eżistenti, li jipprevedi żewġ alternattivi biss: detenzjoni proviżorja jew moviment mhux issorveljat. Għalhekk il-miżuri ser jagħtu effett ulterjuri lid-dritt taċ-ċittadini li josservaw il-liġi biex jgħixu fis-sikurezza u s-sigurtà.

(4) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jimmiraw ukoll li jsaħħu d-dritt għal-libertà u l-preżunzjoni ta' innoċenza fl-Unjoni Ewropea fl-intier tagħha u biex jiżguraw kooperazzjoni bejn l-Istati Membri meta persuna tiġi soġġetta għal obbligazzjonijiet jew superviżjoni sakemm ikun hemm deċiżjoni tal-Qorti. Konsegwentement, id-Deċiżjoni Qafas preżenti għandha bħala l-objettiv tagħha l-promozzjoni, fejn adatt, tal-użu ta' miżuri mhux ta' kustodja bħala alternattiva għad-detenzjoni proviżorja, anki meta, skont il-liġi tal-Istat Membru kkonċernat, detenzjoni proviżorja ma setgħetx tiġi imposta ab initio.

(5) Fir-rigward tad-detenzjoni ta' persuni soġġetti għal proċedimenti kriminali, hemm riskju ta' trattament differenti bejn dawk li huma residenti fl-Istat tal-proċess u dawk li m'humiex: persuna mhux residenti tirriskja li tintbagħat lura taħt kustodja sakemm isir il-proċess anki meta, f'ċirkustanzi simili, persuna residenti ma tiffaċċjax dan ir-riskju. F'żona Ewropea komuni ta' ġustizzja mingħajr fruntieri interni, huwa meħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat li persuna soġġetta għal proċedimenti kriminali li mhix residenti fl-Istat tal-proċess ma tiġix ittrattata b'mod differenti minn persuna soġġetta għal proċedimenti kriminali li hija residenti.

(6) Iċ-ċertifikat, li għandu jintbagħat flimkien mad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni, għandu jispeċifika l-indirizz fejn il-persuna kkonċernata ser toqgħod fl-Istat ta' esekuzzjoni, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra li tista' tiffaċilita s-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni fl-Istat ta' esekuzzjoni.

[1] Opinjoni (għadha m'hijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(7) L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti dwar it-tul ta' żmien massimu, jekk hemm, li matulu l-miżuri ta' superviżjoni jistgħu jiġu ssorveljati fl-Istat ta' esekuzzjoni. Fi Stati Membri fejn il-miżuri ta' superviżjoni għandhom jiġu mġedda perjodikament, dan il-perijodu ta' żmien massimu għandu jinftiehem bħala l-perijodu ta' żmien totali wara liema ma jibqax legalment possibbli li jiġġeddu l-miżuri ta' superviżjoni.

(8) Kull talba mill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għall-konferma tal-ħtieġa li tittawwal is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Istat emittenti, li tapplika għad-deċiżjoni dwar tiġdid, reviżjoni u rtirar tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni. Tali talba għall-konferma ma għandhiex tobbliga lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti sabiex tieħu deċiżjoni ġdida biex ittawwal is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni.

(9) L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha relatati ma' deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni, inkluża li tordna detenzjoni proviżorja. Tali detenzjoni proviżorja tista' b'mod partikolari tiġi ordnata wara ksur tal-miżuri ta' superviżjoni jew wara nuqqas ta' konformità ma' ċitazzjoni biex tattendi kwalunkwe smigħ jew proċess matul proċedimenti kriminali.

(10) Sabiex jiġu evitati spejjeż mhux meħtieġa u diffikultajiet fir-rigward tat-trasferiment ta' persuna soġġetta għal proċedimenti kriminali għall-finijiet ta' smigħ jew ta' proċess, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw il-konferenzi bit-telefon u l-videokonferenzi.

(11) Fejn xieraq, tista' tintuża sorveljanza elettronika għas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni, skont il-liġi u l-proċeduri nazzjonali.

(12) Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tippermetti li l-miżuri ta' superviżjoni imposti fuq il-persuna kkonċernata jkunu ssorveljati fl-Istat ta' esekuzzjoni, filwaqt li jkun żgurat l-kors normali tal-ġustizzja u, b'mod partikolari li jkun żgurat li l-persuna kkonċernata tkun disponibbli sabiex tingħamel skont il-liġi. F'każ li l-persuna kkonċernata ma tirritornax fl-Istat emittenti b'mod volontarju, huwa jew hija tista' tiġi kkonsenjata lill-Istat emittenti skont id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri [1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew").

(13) Waqt li din id-Deċiżjoni Qafas tkopri l-atti kriminali kollha u m'hijiex ristretta għal tipi jew livelli partikolari ta' atti kriminali, il-miżuri ta' superviżjoni għandhom ġeneralment ikunu applikati f'każ ta' reati anqas serji. Għalhekk id-dispożizzjonijiet kollha tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew, minbarra l-Artikolu 2(1) tagħha, għandhom japplikaw fis-sitwazzjoni meta l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni jkollha tiddeċiedi dwar il-konsenja tal-persuna kkonċernata. Konsegwentement, l-Artikolu 5(2) u (3) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew għandu japplika ukoll f'dik is-sitwazzjoni.

(14) L-ispejjeż tal-ivjaġġar tal-persuna kkonċernata bejn l-Istat ta' esekuzzjoni u dak emittenti in konnessjoni mas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni jew għall-iskop li tattendi xi smigħ ma humiex regolati b'din id-Deċiżjoni Qafas. Il-possibiltà, partikolarment għall-Istat emittenti, li jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha jew għal parti minnhom hija regolata mil-liġi nazzjonali.

(15) Ladarba l-objettiv ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jiġifieri r-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' superviżjoni matul il-kors ta' proċedimenti kriminali ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f' dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni Qafas ma tmurx 'il hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

(16) Din id-Deċiżjoni Qafas tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari, mill-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u riflessi fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Xejn f'din id-Deċiżjoni Qafas m'għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi rifjut li tiġi rikonoxxuta deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni jekk hemm indikazzjonijiet oġġettivi li hija kienet imposta biex tikkastiga persuna minħabba s-sess tiegħu jew tagħha, ir-razza, ir-reliġjon, l-oriġini etnika, iċ-ċittadinanza, il-lingwa, il-konvinzjonijiet politiċi jew l-orjentazzjoni sesswali tagħha jew li din il-persuna tista' tkun żvantaġġata għal waħda minn dawn ir-raġunijiet.

(17) Din id-Deċiżjoni Qafas ma għandha timpedixxi lil ebda Stat Membru milli japplika r-regoli kostituzzjonali tiegħu rigward id-dritt għal proċess xieraq, il-libertà ta' assoċjazzjoni, il-libertà tal-istampa, il-libertà tal-espressjoni f'mezzi tal-informazzjoni oħrajn u l-libertà ta' reliġjon.

(18) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jiġu applikati f'konformità mad-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jiċċirkolaw u jirresjedu liberament fit-territorju tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

[1] ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

(19) Id-data personali pproċessata meta tiġi implimentata din id-Deċiżjoni Qafas għandha tkun protetta skont id-Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali [1] u skont il-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 dwar il-Protezzjoni tal-Individwi rigward l-Ipproċessar Awtomatiku tad-Data Personali, li l-Istati Membri kollha rratifikaw,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI QAFAS:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Deċiżjoni Qafas tistabbilixxi regoli li skonthom Stat Membru wieħed jirrikonoxxi deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni maħruġa fi Stat Membru ieħor bħala alternattiva għad-detenzjoni proviżorja, jissorvelja l-miżuri ta' superviżjoni imposti fuq persuna fiżika u jikkonsenja l-persuna kkonċernata lill-Istat emittenti f'każ ta' ksur ta' dawn il-miżuri.

*Artikolu 2*

**Objettivi**

1. L-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Qafas huma:

(a) li jiġi żgurat il-kors dovut tal-ġustizzja, u b'mod partikolari, li l-persuna kkonċernata tkun disponibbli biex tingħamel skont il-liġi;

(b) li jiġi promoss, fejn adatt, l-użu, matul proċedimenti kriminali, ta' miżuri mhux ta' kustodja għal persuni li m'humiex residenti fl-Istat Membru fejn qed iseħħu l-proċedimenti;

(c) li tittejjeb il-protezzjoni tal-vittmi u tal-pubbliku inġenerali.

2. Din id-Deċiżjoni Qafas ma tagħti l-ebda dritt lil persuna li tuża, matul proċedimenti kriminali, miżura mhux ta' kustodja bħala alternattiva għall-kustodja. Din hija materja regolata mil-liġi u l-proċeduri tal-Istat fejn qed iseħħu l-proċedimenti kriminali.

*Artikolu 3*

**Protezzjoni tal-liġi u tal-ordni u s-salvagwardja tas-sigurtà interna**

Din id-Deċiżjoni Qafas hija mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-ħarsien tal-vittimi, tal-pubbliku ġenerali u tas-sigurtà interna, skont l-Artikolu 33 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU L 350, 30.12.2008, p. 60.

*Artikolu 4*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas:

(a) "deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni" tfisser deċiżjoni infurzabbli mogħtija matul proċedimenti kriminali minn awtorità kompetenti tal-Istat emittenti f'konformità mal-liġi u l-proċeduri nazzjonali tiegħu u li timponi fuq persuna fiżika, bħala alternattiva għad-detenzjoni proviżorja, miżura waħda jew aktar ta' superviżjoni;

(b) "miżuri ta' superviżjoni" tfisser l-obbligi u l-istruzzjonijiet imposti fuq persuna fiżika, f'konformità mal-liġi u l-proċeduri nazzjonali tal-Istat emittenti;

(c) "Stat emittenti" tfisser l-Istat Membru li fih tkun inħarġet deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni;

(d) "Stat ta' esekuzzjoni" tfisser l-Istat Membru li fih jiġu ssorveljati l-miżuri ta' superviżjoni.

*Artikolu 5*

**Drittijiet fundamentali**

Din id-Deċiżjoni Qafas m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif sanċiti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 6*

**Nomina ta' awtoritajiet kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jinforma lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill liema awtorità jew awtoritajiet ġudizzjarji, taħt il-leġislazzjoni nazzjonali tiegħu, huma kompetenti biex jaġixxu f'konformità ma' din id-Deċiżjoni Qafas fis-sitwazzjoni fejn dak l-Istat Membru jkun l-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni.

2. Bħala eċċezzjoni għall-paragrafu 1 u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jinnominaw awtoritajiet mhux ġudizzjarji bħala l-awtoritajiet kompetenti għat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Deċiżjoni Qafas, dment li tali awtoritajiet ikollhom il-kompetenza għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' natura simili taħt il-liġi u l-proċeduri nazzjonali tagħhom.

3. Id-deċiżjonijiet msemmija fl-Artikolu 18(1)(c) għandhom jittieħdu minn awtorità ġudizzjarja kompetenti.

4. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni li tkun ġiet irċevuta disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

**Rikors għall-awtorità ċentrali**

1. Kull Stat Membru jista' jinnomina awtorità ċentrali jew, meta s-sistema legali tiegħu tipprevedi hekk, aktar minn awtorità ċentrali waħda sabiex jassistu lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Stat Membru jista', jekk huwa meħtieġ bħala riżultat tal-organizazzjoni tas-sistema ġudizzjarja interna tiegħu, jagħmel l-awtorità jew awtoritajiet ċentrali tiegħu responsabbli għat-trażmissjoni u r-riċeviment amministrattivi ta' deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni, flimkien maċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 10, kif ukoll għall-korrispondenza uffiċjali l-oħra kollha relatati miegħu. Bħala konsegwenza, il-komunikazzjonijiet, il-konsultazzjonijiet, l-iskambji tal-informazzjoni, l-inkjesti u n-notifiki kollha bejn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiġu ttratati, fejn adatt, bl-assistenza tal-awtorità ċentrali jew awtoritajiet ċentrali tal-Istat Membru kkonċernat.

3. L-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu użu mill-possibiltajiet msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill informazzjoni relatata mal-awtorità ċentrali jew awtoritajiet ċentrali nnominata jew innominati. Dawn l-indikazzjonijiet għandhom ikunu vinkolanti fuq l-awtoritajiet kollha tal-Istat Membru emittenti.

*Artikolu 8*

**Tipi ta' miżuri ta' superviżjoni**

1. Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għall-miżuri ta' superviżjoni li ġejjin:

(a) obbligu għall-persuna biex tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni bi kwalunkwe bidla ta' residenza, b'mod partikolari għall-fini tar-riċeviment taċ-ċitazzjoni sabiex tattendi smigħ jew proċess matul proċedimenti kriminali;

(b) obbligu li ma tidħolx f'ċerti lokalitajiet, postijiet jew żoni definiti fl-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni;

(c) obbligu biex tibqa' f'post speċifiku, fejn applikabbli matul ħinijiet speċifiċi;

(d) obbligu li fih limitazzjonijiet dwar tluq mit-territorju tal-Istat ta' esekuzzjoni;

(e) obbligu biex tirrapporta f'ħinijiet speċifiċi lil awtorità speċifika;

(f) obbligu li jiġi evitat kuntatt ma' persuni speċifiċi fir-rigward tar-reat(i) allegatament imwettqa.

2. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, meta jittrasponi din id-Deċiżjoni Qafas jew fi stadju aktar tard, liema miżuri ta' superviżjoni, barra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, huwa lest li jissorvelja. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu b'mod partikolari:

(a) obbligu li ma jkunx hemm involviment f'attivitajiet speċifiċi fir-rigward ta' reat(i) allegatament imwettqa, li jista' jinkludi involviment fi professjoni specifika jew qasam ta' impjieg;

(b) obbligu li ma tinsaqx vettura;

(c) obbligu li tiġi ddepożitata ċertu somma ta' flus jew li tingħata tip ieħor ta' garanzija, li tista' tingħata jew permezz ta' numru speċifiku ta' pagamenti bin-nifs jew inkella f'darba;

(d) obbligu biex isirilha trattament terapewtiku jew trattament għal xi vizzju;

(e) obbligu li jiġi evitat kuntatt ma' oġġetti speċifiċi fir-rigward tar-reat(i) allegatament imwettqa.

3. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni li tkun ġiet irċevuta taħt dan l-Artikolu disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 9*

**Kriterji relatati mal-Istat Membru li lilu tista' tintbagħat id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni**

1. Deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni tista' tintbagħat lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fih il-persuna qed tirrisjedi legalment u ordinarjament, f'każijiet fejn il-persuna li ġiet infurmata dwar il-miżuri kkonċernati, tagħti l-kunsens tagħha biex tirritorna f'dak l-Istat.

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tista', fuq talba tal-persuna, tibgħat id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni lill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru minbarra l-Istat Membru li fih il-persuna qed tirrisjedi legalment u ordinarjament, bil-kondizzjoni li din l-aħħar awtorità tkun tat il-kunsens tagħha biex din tintbagħat.

3. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw taħt liema kondizzjonijiet l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jagħtu l-kunsens li tintbagħat deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni f'każijiet skont il-paragrafu 2.

4. Kull Stat Membru għandu jagħmel dikjarazzjoni lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar id-determinazzjoni li tkun saret skont il-paragrafu 3. L-Istati Membri jistgħu jimmodifikaw tali dikjarazzjoni fi kwalunkwe waqt. Is-Segretarjat Ġenerali għandu jagħmel l-informazzjoni li jirċievi disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 10*

**Proċedura biex id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni tintbagħat flimkien maċ-ċertifikat**

1. Meta, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 9(1) jew (2), l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti tibgħat deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni lil Stat Membru ieħor, hija għandha tiżgura li hija tkun akkumpanjata b'ċertifikat, li l-forma standard tiegħu hija stabbilita fl-Anness I.

2. Id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni jew kopja ċertifikata tagħha, flimkien maċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti direttament lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub taħt kondizzjonijiet li jippermettu lill-Istat ta' esekuzzjoni jistabbilixxi l-awtentiċità tagħhom. L-oriġinal tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni, jew kopja ċertifikata tagħha, u l-oriġinal taċ-ċertifikat, għandhom jintbagħtu lill-Istat ta' esekuzzjoni jekk dan hekk jitlob. Il-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha għandhom isiru wkoll direttament bejn l-awtoritajiet kompetenti msemmijin.

3. Iċ-ċertifikat għandu jiġi ffirmat, u l-kontenut tiegħu ċertifikat bħala preċiż, mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti.

4. Iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu, minbarra l-miżuri msemmija fl-Artikolu 8(1), jinkludi biss tali miżuri kif notifikati mill-Istat ta' esekuzzjoni skont l-Artikolu 8(2).

5. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandha tispeċifika:

(a) fejn applikabbli, it-tul ta' żmien li għalih tapplika d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u jekk it-tiġdid ta' din id-deċiżjoni hux possibbli;

u

(b) fuq bażi indikattiva, it-tul ta' żmien proviżorju li għalih x'aktarx ser tkun meħtieġa s-sorveljanza tal-miżuri, b'kont meħud taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ li huma magħrufa meta d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni tintbagħat.

6. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandha tibgħat id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni flimkien maċ-ċertifikat lil Stat ta' esekuzzjoni wieħed biss fi kwalunkwe waqt partikolari.

7. Jekk l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni ma tkunx magħrufa mill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti, din tal-aħħar għandha tagħmel l-investigazzjonijiet kollha meħtieġa, inkluż permezz tal-punti ta' kuntatt tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew stabbilit mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 98/428/ĠAI tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar il-ħolqien ta' Network Ġudizzjarju Ewropew [1], sabiex tinkiseb l-informazzjoni mill-Istat ta' esekuzzjoni.

8. Meta awtorità fl-Istat ta' esekuzzjoni li tirċievi deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni flimkien ma' ċertifikat m'għandha l-ebda kompetenza biex tirrikonoxxi dik id-deċiżjoni, din l-awtorità għandha, ex officio, tibgħat id-deċiżjoni flimkien maċ-ċertifikat lill-awtorità kompetenti.

*Artikolu 11*

**Kompetenza dwar is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni**

1. Sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni ma tkunx irrikonoxxiet id-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni mibgħuta lilha u ma tkunx infurmat lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti b' tali rikonoxximent, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni għandha tibqa' kompetenti fir-rigward tas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni imposti.

2. Jekk il-kompetenza għas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni ġiet trasferita lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni, tali kompetenza għandha tmur lura għand l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti

(a) fejn il-persuna kkonċernata tkun stabbiliet ir-residenza legali u ordinarja tagħha fi Stat li mhux l-Istat ta' esekuzzjoni;

(b) hekk kif l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tkun innotifikat l-irtirar taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 10(1), skont l-Artikolu 13(3), lill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni;

(c) fejn l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tkun immodifikat il-miżuri ta' superviżjoni u l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 18(4)(b), tkun irrifjutat li tissorvelja l-miżuri ta' superviżjoni modifikati għaliex dawn ma jaqgħux taħt it-tipi ta' miżuri ta' superviżjoni msemmijin fl-Artikolu 8(1) u/jew taħt dawk notifikati mill-Istat ta' esekuzzjoni kkonċernat skont l-Artikolu 8(2);

(d) meta l-perijodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 20(2)(b) ikun skada;

(e) fejn l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tkun iddeċidiet li twaqqaf is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni u tkun infurmat lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti dwar dan, b'applikazzjoni tal-Artikolu 23.

3. Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati emittenti u ta' esekuzzjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin sabiex tiġi evitata kemm jista' jkun, kwalunkwe skontinwità fis-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni.

---

[1] ĠU L 191, 7.7.1998, p. 4.

*Artikolu 12*

**Deċiżjoni fl-Istat ta' esekuzzjoni**

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni għandha, mill-iktar fis possibli u fi kwalunkwe każ fi żmien 20 jum ta' xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u ċ-ċertifikat, tirrikonoxxi d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni mibgħuta skont l-Artikolu 9 u b'segwitu għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 u mingħajr dewmien għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa għas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni, sakemm ma tiddeċidix li tinvoka waħda mir-raġunijiet għal rifjut imsemmijin fl-Artikolu 15.

2. Jekk ġie introdott rimedju legali kontra d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-limitu ta' żmien għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni għandu jiġi estiż b'20 jum ta' xogħol oħra.

3. Jekk, f'każijiet eċċezzjonali, ma jkunx possibbli għall-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni li tikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, hija għandha minnufih tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li tagħżel hi, waqt li tagħti r-raġunijiet għad-dewmien u tindika kemm bi ħsiebha tieħu żmien biex tagħti deċiżjoni finali.

4. L-awtorità kompetenti tista' tipposponi d-deċiżjoni dwar ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni fejn iċ-ċertifikat previst fl-Artikolu 10 huwa inkomplet jew manifestament ma jikkorrispondix mad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni, sa tali limitu ta' żmien raġonevoli stabbilita biex iċ-ċertifikat ikun kompletat jew ikkoreġut.

*Artikolu 13*

**Adattament tal-miżuri ta' superviżjoni**

1. Jekk in-natura tal-miżuri ta' superviżjoni hija inkompatibbli mal-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni, l-awtorità kompetenti f'dak l-Istat tista' tadattahom b'konformità mat-tipi ta' miżuri ta' superviżjoni li japplikaw, skont il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni, għal reati ekwivalenti. Il-miżura ta' superviżjoni adattata għandha tikkorrispondi kemm jista' jkun ma' dik imposta fl-Istat emittenti.

2. Il-miżura ta' superviżjoni adattata m'għandhiex tkun aktar severa mill-miżura ta' superviżjoni li kienet imposta oriġinarjament.

3. Wara l-wasla tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 20(2)(b) jew (f), l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tista' tiddeċiedi li tirtira ċ-ċertifikat dment li s-sorveljanza fl-Istat ta' esekuzzjoni ma jkunx għadu beda. Fi kwalunkwe każ, tali deċiżjoni għandha tittieħed u tiġi kkomunikata mill-aktar fis possibbli u f'mhux aktar tard minn għaxart ijiem min-notifika rilevanti.

*Artikolu 14*

**Kriminalità doppja**

1. Ir-reati li ġejjin, jekk huma punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċaħda ta' libertà għal perijodu massimu ta' mill-inqas tliet snin, u skont kif inhuma definiti bil-liġi tal-Istat emittenti, għandhom, skont it-termini ta' din id-Deċiżjoni Qafas u mingħajr verifika tal-kriminalità doppja tal-att, iwasslu għal rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni:

— parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,

— terroriżmu,

— traffikar tal-bnedmin,

— sfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografija bi tfal,

— traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi,

— traffikar illeċitu ta' armi, munizzjoni u splussivi,

— korruzzjoni,

— frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej [1],

— laundering ta' rikavati mill-kriminalità,

— falsifikazzjoni ta' flus, inkluż l-ewro,

— atti kriminali konnessi mal-informatika,

— atti kriminali ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu li jinqerdu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-perikolu li jinqerdu,

— faċilitazzjoni tad-dħul u tar-residenza mhux awtorizzati,

— omiċidju, offiża gravi fuq persuna,

— kummerċ illeċitu ta' organi u tessuti umani,

— ħtif ta' persuni, iż-żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi,

— razziżmu u ksenofobja,

[1] ĠU C 316, 27.11.1995, p. 49.

— serq organizzat jew bl-użu ta' armi,

— it-traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti,

— frodi,

— racketeering u estorsjoni,

— falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,

— falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u traffikar tagħhom,

— falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,

— traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u growth promoters oħra,

— traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjoattivi,

— traffikar ta' vetturi misruqa,

— stupru,

— inċendju volontarju,

— atti kriminali li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

— ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru/bastimenti,

— sabutaġġ.

2. Il-Kunsill jista', filwaqt li jaġixxi unanimament wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiddeċiedi fi kwalunkwe waqt li jżid kategoriji oħrajn ta' reati mal-lista fil-paragrafu 1. Il-Kunsill għandu jeżamina, fid-dawl tar-rapport ippreżentat lilu skont l-Artikolu 27 ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jekk il-lista għandhiex tiġi estiża jew emendata.

3. Għal reati oħra barra dawk koperti mill-paragrafu 1, l-Istat ta' esekuzzjoni jista' jagħmel ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni soġġett għall-kondizzjoni li d-deċiżjoni tirrigwarda atti li jikkostitwixxu wkoll reat skont il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni, indipendentement mill-elementi kostituttivi jew minn kif inhu deskritt.

4. L-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet kostituzzjonali, mal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, permezz ta' dikjarazzjoni notifikata lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, jiddikjaraw li huma ma humiex ser japplikaw il-paragrafu 1 fir-rigward ta' xi reati jew tar-reati kollha msemmijin f'dak il-paragrafu. Tali dikjarazzjoni tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe mument. Tali dikjarazzjonijiet jew irtirar ta' dikjarazzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 15*

**Raġunijiet għal rifjut**

1. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tirrifjuta li tirrikonoxxi d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni jekk:

(a) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 10 huwa inkomplet jew manifestament ma jikkorrispondix għad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u mhux ikkompletat jew ikkoreġut f'perijodu raġonevoli stabbilit mill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni;

(b) ma jintlaħqux il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9(1), 9(2) jew 10(4);

(c) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni jkun jikser l-prinċipju ne bis in idem;

(d) id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni hija relatata, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(3) u, fejn l-Istat ta' esekuzzjoni jkun għamel dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 14(4), fil-każijiet imsemmijin fl-Artikolu 14(1), għal att li ma jkunx jikkostitwixxi reat taħt il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni; fi kwistjonijiet ta' taxxa, dwana u valuta, madankollu, l-esekuzzjoni tad-deċiżjoni ma tistax tiġi miċħuda minħabba li l-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni ma tippreskrivix taxxi tal-istess tip jew ma fiha ebda dispożizzjoni dwar taxxi, dazji jew valuta tal-istess tip bħal-liġi tal-Istat emittenti;

(e) il-prosekuzzjoni kriminali hija preskritta skont il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni u tirrigwarda att li jaqa' fil-kompetenza tal-Istat ta' esekuzzjoni skont il-liġi nazzjonali tiegħu;

(f) hemm immunità skont il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni, li tagħmel is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni impossibbli;

(g) skont il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni, il-persuna, minħabba l-età tagħha, ma tistax tinżamm kriminalment responsabbli għall-att li fuqu hi bbażata d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni;

(h) f'każ ta' ksur tal-miżuri ta' superviżjoni, ikollha tirrifjuta li tikkonsenja l-persuna kkonċernata skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri [1] (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-"Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew").

(1) ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.

2. Fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 (a), (b) u (c), qabel ma tiddeċiedi li ma tirrikonoxxix id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni, l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tikkomunika, b'mezzi xierqa, mal-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti u, kif meħtieġ, titlob lil din tal-aħħar biex tipprovdi mingħajr dewmien l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa.

3. Meta l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni hija tal-opinjoni li r-rikonoxximent ta' deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni tista tkun miċħuda fuq il-bażi tal-paragrafu 1 punt h), iżda madanakollu hija lesta li tirrikonoxxi d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u tissorvelja l-miżuri ta' superviżjoni li hemm fiha, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti b'dan waqt li tagħti r-raġunijiet għaċ-ċaħda possibbli. F'tali każ, l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tista' tiddeċiedi li tirtira ċ-ċertifikat skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 13(3). Jekk l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti ma tirtirax iċ-ċertifikat, l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tirrikonoxxi d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u tissorvelja l-miżuri ta' superviżjoni li hemm fiha, bl-intendiment li l-persuna kkonċernata tista' ma tkunx ikkonsenjata fuq il-bażi ta' Mandat ta' Arrest Ewropew.

*Artikolu 16*

**Liġi li tirregola s-superviżjoni**

Is-sorveljanza ta' miżuri ta' superviżjoni għandha tkun irregolata mil-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni.

*Artikolu 17*

**Kontinwazzjoni tas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni**

Meta l-perijodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 20(2)(b) jkun ser jiskadi u jkun għad hemm il-ħtieġa għall-miżuri ta' superviżjoni, l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tista' titlob lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni sabiex testendi s-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari u l-konsegwenzi previsti għall-persuna jekk l-Artikolu 11(2)(d) ikun japplika. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandha tindika l-perijodu ta' żmien li għalih aktarx tkun meħtieġa tali estensjoni.

L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tiddeċiedi dwar din it-talba skont il-liġi nazzjonali tagħha, waqt li tindika fejn adatt it-tul massimu tal-estensjoni. F'dawn il-każijiet, jista' japplika l-Artikolu 18(3).

*Artikolu 18*

**Kompetenza għat-teħid tad-deċiżjonijiet kollha sussegwenti u l-liġi li tirregola**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tieħu d-deċiżjonijiet sussegwenti kollha relatati ma' deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni. Tali deċiżjonijiet sussegwenti jinkludu notevolment:

(a) it-tiġdid, ir-reviżjoni u l-irtirar tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni;

(b) il-modifika tal-miżuri ta' superviżjoni;

(c) il-ħruġ ta' mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja oħra li tista' tiġi nfurzata li jkollha l-istess effett.

2. Il-liġi tal-Istat emittenti għandha tapplika għal deċiżjonijiet meħuda skont il-paragrafu 1.

3. Fejn huwa meħtieġ mil-liġi nazzjonali tagħha, awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tiddeċiedi li tuża l-proċedura ta' rikonoxximent stabbilta fid-Deċiżjoni Qafas sabiex tagħti effett lid-deċiżjonijiet msemmijin fil-paragarfu 1 a) u b) fis-sistema legali nazzjonali tagħha. Tali rikonoxximent ma għandux iwassal għal eżami ġdid tar-raġunijiet għal rifjut.

4. Jekk l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti tkun immodifikat il-miżuri ta' superviżjoni skont il-paragrafu 1(b), l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista':

(a) tadatta dawn il-miżuri modifikati b'applikazzjoni tal-Artikolu 13, fil-każ li n-natura tal-miżuri ta' superviżjoni modifikati hija inkompatibbli mal-liġi tal-Istat ta' eskuzzjoni;

jew

(b) tirrifjuta li tissorvelja l-miżuri ta' superviżjoni modifikati jekk dawn il-miżuri ma jaqgħux taħt it-tipi ta' miżuri ta' superviżjoni msemmijin fl-Artikolu 8(1) u/jew taħt dawk notifikati mill-Istat ta' esekuzzjoni kkonċernat skont l-Artikolu 8(2).

5. Il-ġurisdizzjoni tal-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti skont il-paragrafu 1 hija mingħajr preġudizzju għall-proċedimenti li jistgħu jinbdew fl-Istat ta' eżekuzzjoni kontra l-persuna kkonċernata fir-rigward tar-reati kriminali mwettqin minnha barra minn dawk li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni.

*Artikolu 19*

**Obbligi tal-awtoritajiet involuti**

1. Fi kwalunkwe waqt matul is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni, l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tistieden lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti biex tipprovdi informazzjoni dwar jekk is-sorveljanza tal-miżuri għadhomx meħtieġa fiċ-ċirkostanza tal-każ partikolari in kwistjoni. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandha, mingħajr dewmien, twieġeb għal stedina bħal din, u fejn meħtieġ permezz tat-teħid ta' deċiżjoni sussegwenti msemmija fl-Artikolu 18(1).

2. Qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 10(5), l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandha tispeċifika, ex officio jew fuq talba tal-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni, għal liema perijodu addizzjonali, jekk hemm, hija tistenna li s-sorveljanza tal-miżuri għadha meħtieġa.

3. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti bi kwalunkwe ksur ta' miżura ta' superviżjoni, u bi kwalunkwe sejba oħra li tista' tirriżulta fit-teħid ta' kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti msemmija fl-Artikolu 18(1). In-notifika għandha tingħata billi tintuża l-formola standard li tinsab fl-Anness II.

4. Bil-ħsieb li l-persuna kkonċernata tkun mismugħa, il-proċedura u l-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istrumenti tad-dritt internazzjonali u l-liġi tal-Unjoni Ewropea li tipprevedi l-possibbiltà li jintużaw il-konferenzi bit-telefon u bil-vidjo għas-smigħ ta' persuni jistgħu jintużaw *mutatis mutandis*, b'mod partikolari fejn il-leġislazzjoni tal-Istat emittenti tipprevedi li għandu jkun hemm smigħ ġudizzjarju qabel tittieħed deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 18(1).

5. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni bi kwalunkwe deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) u bil-fatt li ġie introdott rimedju legali kontra deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni.

6. Jekk iċ-ċertifikat rigward id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni ġiet irtirata, l-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni għandha ttemm il-miżuri ordnati hekk kif hi tkun ġiet debitament infurmata mill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti.

*Artikolu 20*

**Informazzjoni mill-Istat ta' esekuzzjoni**

1. L-awtorità fl-Istat ta' esekuzzjoni li tkun irċeviet deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni fir-rigward ta' liema m'għandha l-ebda kompetenza li tirrikonoxxi, flimkien ma' ċertifikat, għandha tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti dwar lil liema awtorità huwa bagħat din id-deċiżjoni, flimkien maċ-ċertifikat, skont l-Artikolu 10(8).

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni għandha tinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti, bi kwalunkwe mezz li jħalli rekord bil-miktub:

(a) dwar kwalunkwe bidla fir-residenza tal-persuna kkonċernata;

(b) dwar il-perijodu ta' żmien massimu li matulu l-miżuri ta' superviżjoni jistgħu jiġu ssorveljati fl-Istat ta' esekuzzjoni, f'każ li l-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni tipprevedi tali massimu;

(c) dwar il-fatt li fil-prattika huwa impossibbli li ssir sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni għar-raġuni li, wara t-trażmissjoni tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u taċ-ċertifikat lill-Istat ta' esekuzzjoni, il-persuna ma tistax tinstab fit-territorju tal-Istat ta' esekuzzjoni, f'liema każ ma għandu jkun hemm l-ebda obbligu tal-Istat ta' esekuzzjoni biex jissorvelja l-miżuri ta' superviżjoni;

(d) dwar il-fatt li ddaħħal rimedju legali kontra deċiżjoni li tirrikonoxxi deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni;

(e) dwar id-deċiżjoni finali għar-rikonoxximent tad-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u t-teħid tal-miżuri kollha meħtieġa għas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni;

(f) dwar kwalunkwe deċiżjoni li jiġu adattati l-miżuri ta' superviżjoni skont l-Artikolu 13;

(g) dwar kwalunkwe deċiżjoni li ma tiġix rikonoxxuta d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u li tassumi responsabbiltà għas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni skont l-Artikolu 15, flimkien mar-raġunijiet għad-deċiżjoni.

*Artikolu 21*

**Konsenja tal-persuna**

1. Jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti ħarġet mandat ta' arrest jew kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja oħra li tista' tiġi nfurzata li għandhom l-istess effett, il-persuna għandha tiġi kkonsenjata skont id-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew.

2. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew ma jistax jiġi invokat mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni biex tiċħad il-konsenja tal-persuna.

3. Kull Stat Membru jista' jinnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, meta jittrasponi din id-Deċiżjoni Qafas jew fi stadju aktar tard, li huwa ser japplika wkoll l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew fit-teħid tad-deċiżjoni dwar il-konsenja tal-persuna kkonċernata lill-Istat emittenti.

4. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jagħmel l-informazzjoni li tkun ġiet irċevuta taħt il-paragrafu preċedenti disponibbli għall-Istati Membri kollha u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 22*

**Konsultazzjonijiet**

1. Sakemm mhux prattikabbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u tal-Istat ta' esekuzzjoni għandhom jikkonsultaw lil xulxin:

(a) waqt il-preparazzjoni, jew, għallinqas, qabel ma tintbgħat deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni flimkien maċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 10;

(b) biex tkun iffaċilitata s-sorveljanza bla xkiel u effiċjenti tal-miżuri ta' superviżjoni;

(c) fejn persuna tkun wettqet ksur serju tal-miżuri ta' superviżjoni imposti.

2. L-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti għandha tieħu kont debitu ta' kwalunkwe indikazzjoni kkomunikata mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' esekuzzjoni dwar ir-riskju li l-persuna kkonċernata tista' toħloq għall-vittmi u għall-pubbliku inġenerali.

3. B'applikazzjoni tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat emittenti u tal-Istat ta' esekuzzjoni għandhom jiskambjaw l-informazzjoni utli kollha, inklużi:

(a) informazzjoni li tippermetti l-verifika tal-identità u l-post ta' residenza tal-persuna kkonċernata;

(b) informazzjoni rilevanti estratta minn rekords kriminali skont l-istrumenti leġislattivi applikabbli.

*Artikolu 23*

**Notifiki mhux imwiġbin**

1. Fejn l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tkun bagħtet diversi notifiki msemmijin fl-Artikolu 19(3) fir-rigward tal-istess persuna lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti, mingħajr ma din l-awtorità tal-aħħar tkun ħadet deċiżjoni sussegwenti msemmija fl-Artikolu 18(1), l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tistieden lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti sabiex tieħu din id-deċiżjoni, u tagħtiha limitu ta' żmien raġonevoli biex tagħmel dan.

2. Jekk l-awtorità kompetenti fl-Istat emitteti ma taġixxix fil-limitu ta' żmien mogħtija indikat mill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni, l-awtorità tal-aħħar tista' tiddeċiedi li twaqqaf is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni. F'tali każ, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti dwar id-deċiżjoni tagħha, u l-kompetenza għas-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni għandha tmur lura għand l-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti b'applikazzjoni tal-Artikolu 11(2).

3. Fejn il-liġi tal-Istat ta' esekuzzjoni teħtieġ konferma perjodika tal-ħtieġa li tittawwal is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni, l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' titlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat emittenti sabiex tipprovdi tali konferma, waqt li tagħtiha limitu ta' żmien raġonevoli sabiex tirrispondi għal tali talba. F'każ li l-awtorita kompetenti fl-Istat emittenti ma tweġibx fil-limitu ta' żmien ikkonċernat, l-awtorita kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni tista' tibgħat talba ġdida lill-awtorità kompetenti fl-Istat emittenti, waqt li tagħtiha limitu' ta' żmien raġonevoli sabiex twieġeb għal tali talba u tindika li hija tista' tiddeċiedi li twaqqaf is-sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni jekk ma tirċievi l-ebda risposta f'dak il-limitu ta' żmien. Meta l-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni ma tirċevix risposta għal tali talba ġdida fil-limitu ta' żmien stabbilit, hija tista' taġixxi skont il-paragrafu 2.

*Artikolu 24*

**Lingwi**

Iċ-ċertifikati għandhom jiġu tradotti fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat ta' esekuzzjoni. Kwalunkwe Stat Membru jista', jew meta din id-Deċiżjoni Qafas tiġi adottata jew f'data aktar tard, jistqarr permezz ta' dikjarazzjoni depożitata mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li huwa ser jaċċetta traduzzjoni f'waħda jew aktar mil-lingwi uffiċjali l-oħrajn tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 25*

**Spejjeż**

L-ispejjeż li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas għandhom jitħallsu mill-Istat ta' esekuzzjoni, ħlief għall-ispejjeż li jsiru esklussivament fit-territorju tal-Istat emittenti.

*Artikolu 26*

**Relazzjoni ma' ftehim u arranġamenti oħrajn**

1. Sakemm tali ftehim jew arranġamenti jippermettu li l-objettivi ta' din id-Deċiżjoni Qafas jiġu estiżi jew imkabbra u jgħinu biex jissimplifikaw jew jiffaċilitaw aktar ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni, l-Istati Membri jistgħu:

(a) jkomplu japplikaw ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali fis-seħħ meta din id-Deċiżjoni Qafas tidħol fis-seħħ;

(b) jikkonkludu ftehim jew arranġamenti bilaterali jew multilaterali wara li din id-Deċiżjoni Qafas tkun daħlet fis-seħħ.

2. Il-ftehim u l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 fl-ebda każ ma għandhom jaffettwaw ir-relazzjonijiet mal-Istati Membri li mhumiex partijiet għalihom.

3. L-Istati Membri għandhom, sal-1 ta' Marzu 2010, jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Kunsill bil-ftehim u l-arranġamenti eżistenti msemmijin fil-paragrafu 1(a) li huma jixtiequ jkomplu japplikaw.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni u lill-Kunsill bi kwalunkwe ftehim jew arranġament ġdid kif imsemmi fil-paragrafu 1(b), fi żmien tliet xhur minn meta jiġi ffirmat kwalunkwe tali arranġament jew ftehim.

*Artikolu 27*

**Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Qafas sal-1 ta' Diċembru 2012.

2. Sal-istess data, l-Istati Membri għandhom jittrasmettu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet li jittrasponu fil-liġi nazzjonali tagħhom l-obbligi imposti fuqhom skont din id-Deċiżjoni Qafas.

*Artikolu 28*

**Rapport**

1. Sal-1 ta' Diċembru 2013 il-Kummissjoni għandha tfassal rapport abbażi tal-informazzjoni li tirċievi mill-Istati Membri skont l-Artikolu 27(2).

2. Abbażi ta' dan ir-rapport, il-Kunsill għandu jivvaluta:

(a) sa liema punt l-Istati Membri ħadu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni Qafas; u

(b) l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas.

3. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk meħtieġ, minn proposti leġislattivi.

*Artikolu 29*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

T. BILLSTRÖM

*ANNESS I*

**ĊERTIFIKAT**

imsemmi fl-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI ta' 23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja ([1])

(a) Stat Emittenti:

Stat ta' Esekuzzjoni:

(b) Awtorità li ħarġet id-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni:

Isem uffiċjali:

Jekk jogħġbok indika jekk għandhiex tinkiseb xi informazzjoni addizzjonali dwar id-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni minn:

☐ l-awtorità speċifikata hawn fuq

☐ l-awtorità ċentrali; jekk immarkajt din il-kaxxa, jekk jogħġbok agħti l-isem uffiċjali ta' din l-awtorità ċentrali:

☐ awtorità kompetenti oħra; jekk immarkajt din il-kaxxa, jekk jogħġbok agħti l-isem uffiċjali ta' din l-awtorità:

Dettalji ta' kuntatt tal-awtorità emittenti/awtorità ċentrali/awtorità kompetenti oħra

Indirizz:

Nru tat-tel.. (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt)

Nru tal-fax (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt)

Dettalji tal-persuna/i li għandha/hom tiġi/jiġu kkuntattjata/i

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Kariga (titolu/grad):

Nru tat-tel.. (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt)

Nru tal-fax (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt)

Posta Elettronika (jekk hemm):

Lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni:

([1]) Dan iċ-ċertifikat għandu jinkiteb, jew jiġi tradott, fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru ta' esekuzzjoni, jew fi kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li hija aċċettata minn dak l-Istat.

(c) Jekk jogħġbok indika liema awtorità għandha tiġi kkuntattjata jekk ikollha tinkiseb xi informazzjoni addizzjonali għall-finijiet ta' sorveljanza tal-miżuri ta' superviżjoni:

☐ l-awtorità msemmija fil-punt (b)

☐ awtorità oħra; jekk immarkajt din il-kaxxa, jekk jogħġbok agħti l-isem uffiċjali ta' din l-awtorità:

Dettalji ta' kuntatt tal-awtorità, jekk din l-informazzjoni għadha ma ngħatatx taħt il-punt (b)

Indirizz:

Nru tat-tel.. (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt)

Nru tal-fax (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt)

Dettalji tal-persuna/i li għandha/hom tiġi/jiġu kkuntattjata/i

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Kariga (titolu/grad):

Nru tat-tel.. (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt)

Nru tal-fax (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt)

Posta Elettronika (jekk hemm):

Lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni:

(d) Informazzjoni dwar il-persuna fiżika li fir-rigward tagħha nħarġet id-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni:

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Kunjom ta' xebba, fejn applikabbli:

Psewdonimi, fejn applikabbli:

Sess:

Nazzjonalità:

Numru tal-identità jew numru tas-sigurtà soċjali (jekk disponibbli):

Data tat-twelid:

Post tat-twelid:

Indirizzi/residenzi:

— fl-Istat emittenti:

— fl-Istat ta' esekuzzjoni:

— xi mkien ieħor:

Lingwa/i mifhuma (jekk magħrufa):

Jekk disponibbli, jekk jogħġbok agħti l-informazzjoni li ġejja:

— Tip u numru tad-dokument(i) ta' identità tal-persuna (karta tal-identità, passaport):

— Tip u numru tal-permess ta' residenza tal-persuna fl-Istat ta' esekuzzjoni:

(e) Informazzjoni dwar l-Istat Membru li qed jintbagħtulu d-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni flimkien maċ-ċertifikat

Id-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni, flimkien maċ-ċertifikat qed jintbagħtu lill-Istat ta' esekuzzjoni indikat fil-punt (a) għar-raġuni li ġejja:

☐ il-persuna kkonċernata għandha r-residenza legali u ordinarja tagħha fl-Istat ta' esekuzzjoni u, wara li kienet infurmata dwar il-miżuri kkonċernati, tagħti l-kunsens tagħha biex tirritorna f'dak l-Istat

☐ il-persuna kkonċernata talbet li d-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni tintbagħat lill-Istat Membru minbarra dak li fih il-persuna għandha r-residenza legali u ordinarja tagħha, għar-raġuni(jiet) li ġejjin:

(f) Indikazzjonijiet rigward id-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni:

Id-deċiżjoni ngħatat fi (data: JJ-XX-SSSS):

Id-deċiżjoni saret infurzabbli fi (data: JJ-XX-SSSS):

Jekk, fiż-żmien tat-trażmissjoni ta' dan iċ-ċertifikat, ġie introdott rimedju legali kontra d-deċiżjoni dwar il-miżuri ta' superviżjoni, jekk jogħġbok immarka din il-kaxxa ............................................ ☐

Numru ta' referenza tal-fajl tad-deċiżjoni (jekk disponibbli):

Il-persuna kkonċernata kienet f'detenzjoni proviżorja matul il-perijodu li ġej (fejn applikabbli):

(1) Id-deċiżjoni tkopri b'kollox: ............................................ reati allegati.

Sommarju tal-fatti u deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq/twettqu r-reat(i) allegat(i), inkluż il-ħin u l-post, u l-grad ta' parteċipazzjoni mill-persuna kkonċernata:

Natura u klassifikazzjoni legali tar-reat(i) allegat(i) u d-dispożizzjonijiet statutorji applikabbli li abbażi tagħhom tkun inħarġet id-deċiżjoni:

2. Jekk ir-reat(i) allegat(i) msemmi/jin fil-punt 1 jikkostitwixxu wieħed jew aktar mir-reati li ġejjin, kif definiti fil-liġi tal-Istat emittenti u li huma punibbli fl-Istat emittenti b'sentenza ta' kustodja jew miżura li tinvolvi ċ-ċaħda tal-liberta' ta' massimu ta' mill-inqas tliet snin, jekk jogħġbok ikkonferma billi timmarka l-kaxxa/i rilevanti:

☐ parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali,

☐ terroriżmu,

☐ traffikar tal-bnedmin,

☐ sfruttament sesswali ta' tfal u l-pornografija bi tfal,

☐ traffikar illeċitu fid-drogi narkotiċi u s-sustanzi psikotropiċi,

☐ traffikar illeċitu ta' armi, munizzjoni u splussivi,

☐ korruzzjoni,

☐ frodi, inkluża dik li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Konvenzjoni tas-26 ta' Lulju 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej,

☐ laundering tar-rikavati minn kriminalità,

☐ falsifikazzjoni ta' flus, inkluż l-ewro,

☐ reati konnessi mal-informatika,

☐ reati ambjentali, inkluż it-traffikar illeċitu ta' speċi ta' annimali fil-periklu li jinqerdu u ta' speċi ta' pjanti u varjetajiet fil-periklu li jinqerdu,

☐ faċilitazzjoni tad-dħul u tar-residenza mhux awtorizzati,

☐ omiċidju, offiżi gravi fuq persuna,

☐ kummerċ illeċitu fl-organi u t-tessuti umani,

☐ ħtif ta' persuni, żamma illegali ta' persuni u t-teħid ta' ostaġġi,

☐ razziżmu u ksenofobja,

☐ serq organizzat jew bl-użu tal-armi,

☐ traffikar illeċitu f'beni kulturali, inklużi antikitajiet u opri tal-arti,

☐ frodi,

☐ racketeering u estorsjoni,

☐ falsifikazzjoni u piraterija ta' prodotti,

☐ falsifikazzjoni ta' dokumenti amministrattivi u t-traffikar tagħhom,

☐ falsifikazzjoni ta' mezzi ta' ħlas,

☐ traffikar illeċitu ta' sustanzi ormonali u growth promoters oħrajn,

☐ traffikar illeċitu ta' materjali nukleari jew radjoattivi,

☐ traffikar ta' vetturi misruqa,

☐ stupru,

☐ inċendju volontarju,

☐ atti kriminali li jaqgħu fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali Internazzjonali,

☐ ħtif illegali ta' ajruplani/bastimenti,

☐ sabutaġġ.

3. Safejn ir-reat(i) allegat(i) identifikat(i) fil-punt 1 hawn fuq mhux kopert(i) mill-punt 2 jew jekk id-deċiżjoni, kif ukoll iċ-ċertifikat jintbagħtu lil Stat Membru, li jkun iddikjara li ser jivverifika l-kriminalità doppja (Artikolu 14(4) tad-Deċiżjoni Qafas), jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni sħiħa tar-reat(i) allegat(i) kkonċernat(i):

(g) Indikazzjonijiet rigward it-tul ta' żmien u n-natura tal-miżura/i ta' superviżjoni

1. It-tul ta' żmien li għalih tapplika d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni u jekk it-tiġdid ta' din id-deċiżjoni hux possibbli (fejn applikabbli):

2. Tul ta' żmien proviżorju li għalih x'aktarx ser tkun meħtieġa s-sorveljanza tal-miżuri, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ li huma magħrufa meta d-deċiżjoni dwar miżuri ta' superviżjoni tintbagħat (informazzjoni indikattiva):

3. Natura tal-miżura/i ta' superviżjoni (huwa possibbli timmarka aktar minn kaxxa waħda):

☐ obbligu għall-persuna biex tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni bi kwalunkwe bidla ta' residenza, b'mod partikolari għall-fini tar-riċeviment taċ-ċitazzjoni sabiex tattendi smigħ jew proċess matul proċedimenti kriminali;

☐ obbligu li ma tidħolx f'ċerti lokalitajiet, postijiet jew żoni definiti fl-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni;

☐ obbligu biex tibqa' f'post speċifiku, fejn applikabbli matul ħinijiet speċifiċi;

☐ obbligu li fih limitazzjonijiet dwar tluq mit-territorju tal-Istat ta' esekuzzjoni;

☐ obbligu biex tirrapporta f'ħinijiet speċifiċi lil awtorità speċifika;

☐ obbligu li jiġi evitat kuntatt ma' persuni speċifiċi fir-rigward tar-reat(i) allegatament imwettqa.

☐ miżuri oħrajn li l-Istat ta' esekuzzjoni huwa ppreparat jissorvelja skont notifika taħt l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni Qafas:

Jekk immarkajt din il-kaxxa rigward "miżuri oħra", jekk jogħġbok speċifika liema hija l-miżura kkonċernata billi timmarka l-kaxxa/kaxex adatt(i):

☐ obbligu li ma jkunx hemm involviment f'attivitajiet speċifiċi fir-rigward ta' reat(i) allegatament imwettqa, li jista' jinkludi involviment fi professjoni specifika jew qasam ta' impjieg;

☐ obbligu li ma tinsaqx vettura;

☐ obbligu li tiġi ddepożitata ċertu somma ta' flus jew li tingħata tip ieħor ta' garanzija, li tista' tingħata jew permezz ta' numru speċifiku ta' pagamenti bin-nifs jew inkella f'darba;

☐ obbligu biex isirilha trattament terapewtiku jew trattament għal xi vizzju;

☐ obbligu li jiġi evitat kuntatt ma' oġġetti speċifiċi fir-rigward tar-reat(i) allegatament imwettqa.

☐ miżuri oħra (jekk jogħġbok speċifika):

4. Jekk jogħġbok agħti deskrizzjoni dettaljata tal-miżura(i) ta' superviżjoni indikata(i) taħt 3:

(h) Ċirkostanzi oħra rilevanti għall-każ, inklużi raġunijiet speċifiċi għall-imposizzjoni tal-miżura(i) ta' superviżjoni (informazzjoni fakultattiva):

It-test tad-deċiżjoni huwa mehmuż maċ-ċertifikat.

Firma tal-awtorità li qed toħroġ iċ-ċertifikat u/jew tar-rappreżentant tagħha biex tikkonferma li l-kontenut taċ-ċertifikat huwa preċiż:

Isem:

Kariga (titolu/grad):

Data:

Referenza tal-fajl (jekk hemm):

(Fejn adatt) Timbru uffiċjali:

*ANNESS II*

**FORMOLA**

imsemmija fl-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI ta' 23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja

RAPPORT TA' KSUR TA' MIŻURA TA' SUPERVIŻJONI U/JEW TA' KWALUNKWE SEJBA OĦRA LI TISTA' TIRRIŻULTA FIT-TEĦID TA' KWALUNKWE DEĊIŻJONI SUSSEGWENTI

(a) Dettalji tal-identità tal-persuna soġġetta għal superviżjoni:

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Kunjom ta' xebba, fejn applikabbli:

Psewdonimi, fejn applikabbli:

Sess:

Nazzjonalità:

Numru tal-identità jew numru tas-sigurtà soċjali (jekk disponibbli):

Data tat-twelid:

Post tat-Twelid:

Indirizz:

Lingwa/i mifhuma (jekk magħrufa):

(b) Dettalji tad-deċiżjoni dwar miżura(i) ta' superviżjoni;

Deċiżjoni maħruġa fi:

Referenza tal-fajl (jekk hemm):

Awtorità li ħarġet id-deċiżjoni:

Isem uffiċjali:

Indirizz:

Ċertifikat maħruġ fi:

Awtorità li ħarġet iċ-ċertifikat:

Referenza tal-fajl (jekk hemm):

(c) Dettalji tal-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tal-miżura(i) ta' superviżjoni:

Isem uffiċjali tal-awtorità:

Isem tal-persuna li għandha tiġi kkuntattjata:

Kariga (titolu/grad):

Indirizz:

Tel. (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona):

Fax (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona):

Posta Elettronika:

Lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni:

(d) Ksur ta' miżura(i) ta' superviżjoni u/jew sejbiet oħra li setgħu jirriżultaw fit-teħid ta' kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti:

Il-persuna msemmija f'(a) qed tikser il-miżura(i) ta' superviżjoni li ġejja/ġejjin:

- ☐ obbligu għall-persuna biex tinforma lill-awtorità kompetenti fl-Istat ta' esekuzzjoni bi kwalunkwe bidla ta' residenza, b'mod partikolari għall-fini tar-riċeviment taċ-ċitazzjoni sabiex tattendi smigħ jew proċess matul proċedimenti kriminali;
- ☐ obbligu li ma tidħolx f'ċerti lokalitajiet, postijiet jew żoni definiti fl-Istat emittenti jew l-Istat ta' esekuzzjoni;
- ☐ obbligu biex tibqa' f'post speċifiku, fejn applikabbli matul ħinijiet speċifiċi;
- ☐ obbligu li fih limitazzjonijiet dwar tluq mit-territorju tal-Istat ta' esekuzzjoni;
- ☐ obbligu biex tirrapporta f'ħinijiet speċifiċi lil awtorità speċifika;
- ☐ obbligu li jiġi evitat kuntatt ma' persuni speċifiċi fir-rigward tar-reat(i) allegatament imwettqa;
- ☐ miżuri oħra (jekk jogħġbok speċifika):

Deskrizzjoni tal-ksur (post, data u ċirkostanzi speċifiċi):

— Hemm sejbiet oħra li jistgħu jirriżultaw fit-teħid ta' kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti;

Deskrizzjoni tas-sejbiet:

(e) Dettalji tal-persuna li għandha tiġi kkuntattjata jekk għandha tinkiseb informazzjoni addizzjonali dwar il-ksur:

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Indirizz:

Nru tat-tel.. (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt):

Nru tal-fax (kodiċi tal-pajjiż) (kodiċi taż-żona/belt):

Posta Elettronika:

Lingwi li jistgħu jintużaw għall-komunikazzjoni:

Firma tal-awtorità li qed toħroġ il-formola u/jew tar-rappreżentant tagħha, li tikkonferma li l-kontenut tal-formola huwa korrett:

Isem:

Kariga (titolu/grad):

Data:

Timbru uffiċjali (fejn applikabbli):

## DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

*"Il-Ġermanja tiddikjara li skont l-Artikolu 14(4) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja, mhix ser tapplika l-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni Qafas fir-rigward tar-reati kollha msemmijin hemmhekk."*

Din id-dikjarazzjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

## DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

*"Skont l-Artikolu 14(4) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-UE dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja, ir-Repubblika tal-Polonja tiddikkjara li mhijiex ser tapplika l-paragrafu (1) tal-Artikolu msemmi hawn fuq fir-rigward tar-reati kollha msemmija f'dak il-paragrafu."*

Id-dikjarazzjoni ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

## DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

*"Skont l-Artikolu 14(4) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-UE dwar l-applikazzjoni, bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja, ir-Repubblika tal-Ungerija tiddikjara li mhijiex ser tapplika l-paragrafu (1) tal-Artikolu 14 tad-Deċiżjoni Qafas imsemmija hawn fuq fir-rigward tar-reati msemmijin f'dak il-paragrafu."*

Din id-dikjarazzjoni ser tiġi ppubblikata f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Filwaqt li rreferiet għar-"raġunijiet kostituzzjonali" imsemmija fl-Artikolu 14(4), l-Ungerija pprovdiet l-ispjegazzjoni li ġejja:

"Wara r-ratifika tat-Trattat ta' Lisbona, l-Ungerija emendat il-Kostituzzjoni tagħha sabiex tikkonforma mal-obbligi msemmija fih, inkluż il-ħtieġa li ma tiġix applikata l-kondizzjoni tal-kriminalità doppja f'materji kriminali. Din id-dispożizzjoni kostituzzjonali ser tidħol fis-seħħ fl-istess waqt bhat-Trattat ta' Lisbona. Madankollu, sakemm jidħol fis-seħħ it-Trattat, il-kriminalità doppja tibqa' kwistjoni kostituzzjonali importanti u - bħala prinċipju kostituzzjonali minqux mill-Artikolu 57 tal-Kostituzzjoni - ma għandhiex tkun injorata. Għalhekk, l-Artikolu 14(1) tad-Deċiżjoni Qafas ma għandu jiġi applikat għall-ebda reat elenkat (jew kif ifformulat mill-artikolu rilevanti: ma għandux jiġi applikat 'fir-rigward tar-reati kollha')."

## DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA

*"Konformement mal-Artikolu 14(4) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja, ir-Repubblika tal-Litwanja tiddikjara li għal raġunijiet kostituzzjonali, mhijiex ser tapplika l-Artikolu 14(1) fir-rigward ta' kwalunkwe reat imsemmi fih."*

Din id-Dikjarazzjoni ser tiġi ppubblikata f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*